MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 482/2003

Avviz Nru  482/03DM

Untours Insurance Agents Ltd (C5655) ghall-Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta’ Rachel Mckay u l-istess Rachel Mckay (ID 200676 M)

Vs

Dabia Abdul Baset

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu illi l-konvenut jigi kkundannat li hallas lill-atturi ‘Untours Insurance Agency Ltd nomine’ is-somma ta’ tlett elef, erba’ mija sebgha u sebghin liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm3,477.20) u lill-attrici Rachel Mckay is-somma ta’ hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) – in linea ta’ dan in segwitu ghall-incident stradali li sehh fis-27 ta’ Lulju, 2003,

fil-Mosta bejn ‘Renault 19’ numru RAC 284 misjuqa mill-attrici u ‘Datsun Cherry’ numru DAL 331 misjuqa mill-konvenut. Prevja dikjarazzjoni li huwa kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Settembru, 2003, ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax min-notifika ta’ l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ukoll id-dokumenti esebiti mill-atturi ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant qedgha tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi ‘Untours Insurance Agents Ltd nomine’ is-somma ta’ tlett elef, erba’ mija sebgha u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm3,477.20), u lill-attrici Rachel Mckay is-somma ta’ hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) u dan ghar-ragunijiet indikati fl-avviz u waqt li l-Qorti tiddikjara illi l-incident in kwistjoni kien gara unikament b’tort ta’ l-istess konvenut minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u nosservanza tar-regolamenti.

Inoltre tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-imghax legali b’effett mis-6 ta’ April, 2004 ;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------